

SOFTWARE B'SORS MIFTUĦ FL-UNJONI EWROPEA

Sommarju Eżekuttiv



Ġunju 2020

SOFTWARE B'SORS MIFTUĦ FL-UNJONI EWROPEA

Tim tal-proġett:

Michał Kazimierczak, Ekonomista, EUIPO

Altair Breckwoldt Jurado, trainee, EUIPO

Nathan Wajsman, Ekonomista Prinċipali, EUIPO

L-awturi jixtiequ jirringrazzjaw lil Catalina Martínez mill-Kunsill Nazzjonali Spanjol tar-Riċerka (CSIC) u lil Alex Sander mill-Fondazzjoni "Free Software Europe" għall-kummenti utli dwar abbozz preċedenti ta' dan ir-rapport.

Awtur tal-illustrazzjoni tal-qoxra Gerd Altmann. Illustrazzjoni liċenzjata taħt it-termini tal-Liċenzja ta' Pixabay <https://pixabay.com/es/service/license/>

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Ir-Regolament Nru 386/2012 jinkariga lill-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali (l-Osservatorju) b'kompiti relatati mat-titjib tal-fehim tal-valur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (DPI) u jrawwem l-iskambju ta' informazzjoni dwar mudelli ta' negozju kompetittivi ġodda li jkabbri l-offerta legali ta' kontenut kulturali u kreattiv. F'dawk il-mandati, l-Osservatorju jipprepara rapporti ta' riċerka li jipprovdu informazzjoni dwar diversi kuntesti tal-użu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-importanza tagħhom għal ditti individwali u għall-ekonomija Ewropea. Dan ir-rapport jiffoka fuq is-software b'sors miftuħ (OSS) billi spiss jitqies bħala mod alternattiv ta' organizzazzjoni ta' attività ta' innovazzjoni fl-industrija tas-software.

Dan ir-rapport janalizza l-kamp ta' applikazzjoni tal-użu ta' liċenzji OS minn ditti kummerċjali fis-settur Ewropew tas-software u jiffoka fuq il-mod kif dawk id-ditti jużaw id-drittijiet formali tal-proprjetà intellettwali biex isostnu l-mudelli tan-negozju tagħhom li jinvolvu software liċenzjat taħt it-termini tal-OSS.

L-OSS ħareġ bħala reazzjoni għall-evoluzzjoni tal-industrija tas-software, l-ispeċifitàjiet tal-innovazzjoni f'dan is-settur u l-inċertezz rigward il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tas-software. In-natura inkriminali tal-innovazzjoni tas-software tiffaċilita l-użu mill-ġdid tal-kodiċi. L-importanza tal-ekonomiji tan-netwerk tippromwovi soluzzjonijiet li jżidu d-disseminazzjoni wiesgħa tas-software. Il-popolarità tal-OSS għandha l-għeruq tagħha fil-preferenza kulturali għall-kondiviżjoni tas-software fost l-ewwel komunitajiet ta' żviluppaturi ta' software. Is-software għandu wkoll xi karatteristiċi speċifiċi li mhux dejjem ikunu adatti għas-sistema attwali ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Dan jista' jirriżulta fiċ-ċaqliq tal-fokus tan-negozju mis-software bħala tali għal prodotti u servizzi li jikkumplementaw is-software. Għandu konsegwenzi għall-mudelli tan-negozju tad-ditti tas-software u l-mod kif dawn jużaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali sabiex jiġu sostnuti dawk il-mudelli tan-negozju.

Il-kontribut ewlieni ta' dan l-istudju huwa analiżi tar-riżultati ta' s'ħarriġ li sar fuq kampjun ta' 1 364 ditta li għandhom is-sede tagħhom fl-UE u huma attivi fis-settur tas-software. Din l-analiżi turi li l-OSS sar parti integrali mill-mudelli kummerċjali tad-ditti tas-software. Il-biċċa l-kbira ta' dawn id-ditti jinkoraġġixxu lill-impjegati tagħhom biex jiżviluppaw jew jużaw software liċenzjat taħt il-liċenzji tal-OSS matul il-ħinijiet tax-xogħol. F'dawn l-aħħar snin il-biċċa l-kbira tad-ditti li jjeħdu sehem fl-istħarriġ jew żammew jew żiedu l-involviment tagħhom fl-iżvilupp u l-użu ta' OSS. OSS iġib miegħu xi benefiċċji tanġibbli, mhux limitati għal spejjeż aktar baxxi biss. Permezz tal-inkorporazzjoni ta' OSS fil-mudelli kummerċjali tagħhom, id-ditti kummerċjali jistgħu jiksibu benefiċċji strateġiċi relatati mat-tixrid usa' ta' software u ġabra akbar ta' għarfien li jistgħu jisfruttaw. Id-*data* tal-istħarriġ turi li l-OSS ma jillimitax iżda pjuttost iwessa' l-opportunitajiet kummerċjali għal ditti ta' software u ħafna minnhom jittrattaw l-OSS bħala opportunità aktar milli bħala theddida għall-mudell kummerċjali tagħhom. Ir-rata ta' dħul fl-industrija hija għolja u ħafna ditti ġodda jindikaw l-importanza kbira tal-OSS għad-deċiżjoni tagħhom li jibdew negozju. Għal aktar minn terz tad-ditti żgħażaġħ li qed jiżviluppaw jew li qed jużaw OSS, l-eżistenza ta' OSS kienet kunsiderazzjoni kruċjali biex bdew l-attività.

Ditti li jippermettu lill-impjegati tagħhom jjeħdu sehem fl-iżvilupp ta' OSS matul is-siġhat ta' xogħol huma kemxejn aktar xettiċi fir-rigward tas-sistema attwali ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali mill-kontrapartijiet tagħhom anqas impenjati f'OSS. Madankollu, metodi ta' protezzjoni tal-proprjetà

intellettwali informali u formali huma importanti għall-kapaċità tagħhom li jaqilbu l-opportunitajiet tas-suq assoċjati mal-OSS f'mudelli ta' negozju li jagħmlu profitt. It-tweġibiet għall-istħarriġ juru li aktar ma jkun għoli s-sehem tad-dħul li jkun ġej mill-bejgħ tal-liċenzji fost id-ditti li qed jiżviluppaw OSS, aktar ikun hemm użu intensiv ta' liċenzji proprjetarji. Ditti li s-sehem tad-dħul tagħhom mill-bejgħ ta' liċenzji huwa relattivament aktar baxx huma aktar probabbli li jużaw liċenzji non-proprjetarji għad-distribuzzjoni tas-software. Madankollu, l-inċentivi tagħhom għall-kontribuzzjoni għal OSS jiddependu fuq il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali inkorporata fis-servizzi u l-prodotti li jikkumplementaw l-OSS. Fost dawk id-ditti, l-aktar strateġija popolari hija bbażata fuq l-iżvilupp ta' servizzi li jikkumplementaw l-OSS jew fuq l-integrazzjoni ta' software fi prodotti tanġibbli.

Hemm xi differenzi fl-użu u fil-valutazzjoni tal-effikaċja ta' diversi miżuri ta' protezzjoni tal-proprjetà intellettwali skont l-involviment fl-OSS. Filwaqt li ditti li ma jużawx OSS għandhom it-tendenza li jiddependu relattivament aktar fuq il-privattivi, is-sigrieti tal-mestier u d-disinj, id-ditti li jiżviluppaw OSS jiddependu aktar fuq id-drittijiet tal-awtur, l-ismijiet tad-dominju tal-internet u l-miżuri informali tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali. L-użu ta' trademarks huwa kważi l-istess fost gruppi differenti ta' ditti. Id-differenza bejn id-ditti mhijjex daqshekk evidenti fil-valutazzjoni tal-effikaċja ta' diversi miżuri ta' protezzjoni tal-proprjetà intellettwali. Fil-fatt, fost id-ditti li qed jiżviluppaw OSS, is-sehem ta' ditti li jivvalutaw id-drittijiet tal-awtur, it-trademarks u d-disinj bħala miżuri effettivi ta' protezzjoni tal-prodotti u s-servizzi tagħhom huwa ogħla minn dak ta' ditti li ma jużawx OSS. Dan jissuġġerixxi li d-ditti involuti fl-iżvilupp ta' OSS huma kapaċi jċedu l-liċenzjar proprjetarju għas-software billi jiddependu fuq il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għal partijiet oħra tal-mudelli kummerċjali tagħhom.

L-analiżi tat-tweġibiet tal-istħarriġ tissuġġerixxi li l-involviment tad-ditti f'OSS huwa mmexxi mill-prammatiżmu relatat mal-ispejjeż aktar baxxi tiegħu u l-vantaġġi strateġiċi li jirriżultaw mill-proċess deċentralizzat tal-iżvilupp ta' OSS, aktar milli b'motivazzjonijiet ideoloġiċi. L-iżvilupp u l-użu ta' software liċenzjat taħt OS ikun ta' benefiċċju għad-ditti billi jinfetħu opportunitajiet ġodda ta' negozju bbażati fuq servizzi u prodotti li jikkumplementaw l-OSS. Huwa wkoll ta' benefiċċju għall-komunitajiet ta' OSS peress li l-interess kummerċjali tad-ditti jipprovdi perspettivi aktar stabbli u fit-tul għall-iżvilupp ta' software OS.

Il-governanza tal-OSS u l-effikaċja ta' mudelli kummerċjali bbażati fuq OSS jiddependu ħafna fuq il-konformità tal-utenti mat-termini tal-liċenzja tal-OSS u d-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-awtur. Dan isostni l-versatilità tas-sistema attwali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li tippermetti l-ħolqien ta' metodi ġodda ta' governanza tal-innovazzjoni li jikkontribwixxu għat-tixrid usa' ta' prodotti innovattivi filwaqt li tinżamm il-kapaċità tad-ditti li jibbenefikaw mill-innovazzjonijiet tagħhom.



SOFTWARE B'SORS MIFTUĦ FL-UNJONI EWROPEA